Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 217/2018

Il-Pulizija

Vs

Shaun Farrugia

Illum 30 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Shaun Farrugia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 275091M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-11 ta' Dicembru 2016 ghall-habta ta' 00:30hrs waqt li kien qieghed fl-inhawi tal-Qadi L/ta' Naxxar u fil-Gzejjer Maltin, waqt stagun miftuh b'Deroga ghat-tehid tal-Malvizz u l-Pluvieri regolat bl-LS 549.74, ha jew prova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-Licenzja Specjali (Deroga) ghall-Insib limitat ghat-tehid tal-Malvizz u l-Pluviera fil-Harifa tal-2016 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f'kull ligi ohra u cioe` kien fuq sit li ma kienx approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt stagun miftuh b'Licenzja Specjali (Deroga) ghall-insib limitat ghat-tehid tal-Malvizz u l-Pluvieri fil-Harifa tal-2016 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi meta ma

ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-Licenzja Specjali (Deroga) ghall-insib limitat ghat-tehid tal-Malvizz u l-Pluvieri fil-Harifa 2016 u f'kull ligi ohra u cioe` kien qed jonsob minn saghtejn wara nzul ix-xemx sa saghtejn qabel tlugh ix-xemx tal-ghada filghodu;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt stagun miftuh b'Licenzja Specjali (Deroga) ghall-insib limitat ghat-tehid tal-Malvizz u l-Pluvieri fil-Harifa ta' 2016 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, uza ghasafar bhala ghajjat jew tahrik li ma kellhomx curkett li jintuza darba approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ghal dak il-ghan;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed jonsob, kellu fil-pussess tieghu bird caller;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attività ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, u cioe` tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht regolamenti ta' 2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht AL 79/2006 u tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 7(b), 7(d), 7(1) tal-LS 549.74 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 7(1)(d), 7(1)(i) u 7(2) tal-LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu b'multa ta' €1,000 u kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Shaun Farrugia, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Shaun Farrugia huma s-segwenti u cioe`:-

Illi mal-ewwel daqqa t'ghajn mill-provi prodotti kemm dak bil-gurament kif ukoll minn dawk okulari ma rrizulta minn imkien il-persuna allegatament li kien qieghed jonsob kien l-akkuzat jew ghall-inqas xi persuna ohra. Ma gie identifikat hadd minn fuq il-post li sabiex jikkaccja jew jonsob. Il-pulizija lanqas telghu jixhdu kif waslu ghall-konkluzjoni fejn iddikjaraw li kien Shaun Farrugia li kien fuq il-post.

Anki ghall-grazzja tal-argument ix-xhud okkulari qalet li rat lil xi hadd fid-dlam jitlaq mill-post. Lanqas ma ngabet il-prova ta' min hu s-sid l-ghalqa u ghall-inqas ta' min hu s-sid tal-apparat li kien hemm prezenti fl-ghalqa jew fuq min kienet il-licenzja tal-apparat li nstab fl-ghalqa.

Anzi kien hemm cahda totali mill-akkuzat li kien hemm fuq il-post u fin-nuqqas tal-icken prova l-esponenti ghandu jigi mehlus minn kull akkuza.

Semghet ix-xhieda moghtija minn **Fiona Burrows** waqt is-seduta tat-3 ta Dicembru 2014 in rappresentanza ta' CABS Malta, mghotija bil-lingwa Ingliza. Din spjegat li nhar it-3 ta Diembru 2014, hija kienet marret flimkien ma rappresentant iehor tal CABS, fil-hinijiet ta' bil-lejl fl-inhawi tal-Qadi limiti tan Naxxar wara li kienu irceew rapport li kien qed isir xi insib fl-inhawi. Hija waslet fil-post u semghet il-bird callers u ghalhekk minnufih cemplet lill-pulizija li marru fuq il-post. Hija indict lill-pulizija fejn kienu awn il-bird callers u taf li xi hin war ail-pulizija gew ura hdejha u qalulha min kellu l-bird callers. Tghid pero li hija ma rat lil hadd u ghalhekk ma tista tgharaf

lil had li kien fuq il-post . Mistoqsija darba darbtejn mill-Qorti jekk kienitx erta mid-data tghid u tirrepeti l-istess jum tat-3 ta Dicembru 2014.

Illi dak in-nhar tas-seduta tal-20 ta Settembru 2018gie imsejjah biex jixhed Craig Redmond pero ma dehrx u l-proekuzzjoni in vista tax-xhieda moghtija minn Fiona Burrows ma insistitx ghax-xhieda ta dan Redmond.

Rat l-atti tal-kawa kif kompilati quddiem l-ewwel Qorti u minn esami ta l-istess jirrizulta li fit-2 ta Mejju 2018 l-prosekuzzjoni kient iddikjarat li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq wara li xehdet din l-istess Fiona Burrows. Fl-atti hemm inseriti zewg affidavits, wiehed rilaxxjat minn PC 1418 u l-iehor minn PS 1116 kif ukoll okkorrenza pero' minn imkien f'xi verbal tal-Qorti ma hemm referenza ghalihom u ghalhekk ma jirrizultax mill-atti li in effetti dawn it-tlett dokumenti gew prezentati fl-atti minkejja li jinsabu fil-process u ghalhekk din il-Qorti m'hix ser tiehu konsiderazzjoni taghhom u ser tibbaza il-gudizzju taghha fuq ix-xhieda moghtija minn Fiona Burrows biss.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2018 fejn in segwitu l-partijiet talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Illi l- aggravji jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-**

**Pulizija vs. Raymond Psaila et[1].", "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi[2]", "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[3]", "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[4]"** u ohrajn)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-**<u>kawza "R. v. Cooper[5]</u>**" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt[6]</u>**", inghad illi:-

"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-

[1] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994.

[2] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989

[3] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991.

[5] ([1969] 1 QB 276)

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Diembru 1994.

Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."

Illi f'din il-kawza l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant fuq diversi reati naxenti mill-Ligi Sussidjraja 549.74 u cioe il-ligi dwar ir-Regolamntazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi. Il-Prosekuzzjoni pero' trid tipprova kemm l-esistenzza tar-reati kif ukoll li dawn saru jew ahjar gew fil- lok u data kwotata minnha fil-komparixxi.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi jinghad *ab initio* li l-proseskuzzjoni qed tallega li dawn ir-reati imsemmija fil-komparixxi gew kommessi mill-appellant fl-inhawi tal-Qadi, limiti tan-Naxxar nhar il-11 ta' Dicembru 2016. L-unika xhud li ressqet il-prosekuzzjoni kient Fiona Burows li ghal-darbtejn tlieta fuq domanda tal-Qorti insistiet li l-incident sehh fit-3 ta' Dicembru 2014 u ghalhek ftit aktar minn sentejn qabel id-data ccitata fic-charge. Il-prosekuzzjoni fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma talbet korrezzjoni fic-charge. Cio' nonnostante l-ewwel Qorti sabithu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.

Illi fil-kaz in dizamina minkejja illi l-appellanti ma ressaqx dan l-ilment fir-rikors tal-appell teighu din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant hati tal-akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza.

Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.'

Illi din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ma kkumenta xejn dwar dan. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura

din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw…..."

Illi fis-sentenza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**[7], fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo**[8] u **Pulizija vs Rita Thuema**[9], it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta'

[7] mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011.

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011.

appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti (skond ix-xhieda moghtija mix-xhud tal prosekuzzjoni Fion Burrows) ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija qed tirrevoka s-sentenza appellata, ssib lill-appellant Shaun Farrugia mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef